MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 26/2009/1

**1.Joseph Attard,
2. Louis Castagna,
3. John Galea,
4. Joseph Mary Galea u
5. Joseph Sargent**

**v.**

**1. Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall- Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni
fil-kwalita` rapprezentattiva tieghu
2. Tabib Ewlieni tal- Gvern**

**(Direttur Generali – Regolazzjoni dwar is-Sahha Pubblika)**
**fil-kwalita` rapprezentattiva tieghu**
**3. Kap Ezekuttiv tal- Awtorita' dwar is- Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, ilkoll fil-kwalita` rapprezentativa taghhom;**
**fil-kwalita` rapprezentattiva tieghu**
**4. u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fit-30 ta' Novembru 2010 li laqghet l-eccezzjoni relattiva tal-intimati li r-rikorrenti ghandhom jew kellhom mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja, ghazlet li ma tinqediex bis-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u lliberat lill-intimati mill-harsien tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu rimedju għax igħidu illi nkisru l-jeddijiet fondamentali tagħhom imħarsa taħt l-artt. 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"].

"2. L-atturi fissru illi huma kienu lkoll impjegati mal-*Malta Drydocks Corporation* sakemm din ġiet ristrutturata fl-2003, u wħud minnhom baqgħu impjegati wkoll wara li ġiet ristrutturata. Bejn l-1968 u l-2003 il-Gvern ta' Malta dejjem kellu direzzjoni u kontroll tal-attivitajiet kollha tal-*Malta Drydocks Corporation*, u, wara l-2003 sallum, il-Gvern kellu u għandu d-direzzjoni u

kontroll tal-istess korporazzjoni kif ristrutturata bħala kumpanija privata.

"3. Ta' spiss u regolarment matul l-impjieg tagħhom l-atturi kienu jiġu esposti għall*asbestos* fid-diversi forom tiegħu, u minħabba f'hekk għandhom l-*asbestos* fis-sistema respiratorju tagħhom. Ilu magħruf għal għexieren ta' snin illi l-espożizzjoni għall-*asbestos* mingħajr protezzjoni xierqa hi ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u twassal għal mard serju u tista' twassal ukoll għall-mewt. L-atturi, iżda, ma kinux mgħarrfa, la mill-awtoritajiet tas-saħħa, la mill-Ministeru li kellu t-tmexxija tat-tarznari u lanqas mid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dwar il-ħsara li jista' jagħmel l-*asbestos*, u lanqas ma ngħataw miżuri xierqa ta' protezzjoni. Kien biss meta bdew jisimgħu bil-mard u l-imwiet ta' wħud mill-kollegi tagħhom, minħabba fl-*asbestos*, li l-atturi saru jafu b'din il-ħsara.

"4. L-espożizzjoni għall-*asbestos* laqtet ħażin il-kwalità ta' ħajja tal-atturi u tal-qraba tagħhom għax ħarġuhom sintomi, mard u kumplikazzjonijiet mediċi minħabba f'hekk. Meta saru jafu bil-mewt ta' wħud mill-kollegi tagħhom l-atturi u l-qraba tagħhom bdew jibżgħu li huma wkoll jistgħu jimirdu u jmutu. Il-qraba tal-atturi wkoll kienu ġew esposti għall-*asbestos* kemm mill-persuna tal-atturi stess u kif ukoll minn ħwejjeġ bħal *boiler suits* li kienu jintużaw fuq il-post tax-xogħol u jittieħdu d-dar.

"5. Għal dawn ir-raġunijiet l-atturi qegħdin jitolbu illi din il-qorti:

"a. tgħid illi, dwar kull wieħed mill-atturi, inkiser:

i. il-jedd għall-ħarsien tal-ħajja, u li l-ħajja tagħhom ma titqigħedx f'perikolu bla bżonn, taħt l-art 33 tal-Kostituzzjoni u l-art. 2 tal-Konvenzjoni;

ii. il-jedd li ma jingħatawx trattament inuman u degradanti, taħt l-art 36 tal-Kostituzzjoni u l-art. 3 tal-Konvenzjoni;

iii. il-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni, f'dak l-għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-ħajja tagħhom; u

iv. l-istess jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni, f'dak l-għandu x'jaqsam mal-jedd li jkunu mgħarrfa dwar perikoli marbuta mal-*asbestos*; u

"b. tillikwida kumpens xieraq bħala rimedju għall-ksur ta' dawn il-jeddijiet u tordna illi dan ir-"rimedju pekunjarju" jitħallas lil kull wieħed mill-atturi.

"6. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-qorti għandha tagħżel li ma tinqediex bis-setgħa tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] għax l-atturi ma nqdewx bir-rimedji li għandhom taħt il-liġi ordinarja.

"7. Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni preliminari.

"8. Effettivament, l-atturi qegħdin igħidu illi ma ngħatawx ambjent tax-xogħol fejn jaħdmu ħieles minn perikoli, kif huwa l-jedd ta' kull impjegat u l-obbligu ta' kull min iħaddem. Meta min iħaddem jonqos milli jwettaq dan l-obbligu u l-impjegat minħabba f'hekk iġarrab danni, dan tal-aħħar ikollu jedd ifittex għad-danni taħt il-liġi ċivili dwar delitti u kważi-delitti.

"9. Il-fatt illi n-nuqqas iġib miegħu ukoll ksur ta' jedd fondamentali ma jfissirx illi r-rimedju għandu jingħata bilfors taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni. Ukoll min ikorri f'inċident tat-triq jinkisirlu l-jedd għall-ħarsien tal-inkolumità u l-integrità psiko-fiżika tiegħu; ma jfissirx b'hekk illi kull inċident tat-triq li fih ikorri xi ħadd għandu jwassal għal kawża kostituzzjonali. Kif qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza mogħtija fit-23 ta' Settembru 2009 *in re* Alfred Baldacchino *versus* Kummissarju tal-Artijiet *et*, kawża dwar danni ċivili, «li l-aġir u l-operat tal-konvenuti seta' lleda d-drittijiet fundamentali tal-attur u bħala tali seta' jservi bhala raġuni addizzjonali tal-kwalifika "ta' aġir illegali u abużiv" da parti tal-konvenuti, dan ir-raġonament

għandu fondament»[1]: fi kliem ieħor, il-fatt li għemil tal-konvenuti jikser jedd fondamentali ikompli jikkwalifika dak l-għemil bħala wieħed bi ksur tal-liġi, u għalhekk il-ħsara li minħabba f'dak l-għemil iġarrab l-attur tkun *damnum iniuria datum* li minnu jitnissel jedd għal kumpens fi proċeduri ċivili.

"10. Dan kollu jfisser illi, għall-ilmenti tagħhom, l-atturi kellhom mezz xieraq ta' rimedju taħt il-liġi ordinarja.

"11. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-atturi jistrieħu fuq sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' April 2004 *in re* Azinas *v.* Ċipru[2]. Dik is-sentenza, iżda, tgħid illi, qabel ma jirrikorri quddiem il-Qorti Ewropea, ir-rikorrent għandu jinqeda bir-rimedji domestiċi u, fejn il-liġi domestika tagħti wkoll rimedju taħt il-Konvenzjoni, għandu jinqeda wkoll b'dak ir-rimedju. Ma tgħidx, kif jippretendu li tgħid l-atturi, illi, quddiem il-*forum* domestiku, ir-rimedju irid ikun wieħed bilfors taħt il-Konvenzjoni jekk, taħt il-liġi ordinarja, jista' jingħata rimedju tajjeb u biżżejjed għall-istess ilment. Fi kliem ieħor, qabel ma tirrikorri quddiem il-*forum* internazzjonali, trid tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha: kemm dawk taħt il-liġi oridnarja u kemm dawk taħt il-Konvenzjoni jekk din tkun inkorporata fil-liġi domestika. Fil-*forum* domestiku, imbagħad, ma għandekx tfittex li tinqeda bir-rimedju taħt il-Konvenzjoni – rimedju straordinarju – qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedju taħt il-liġi ordinarja.

"12. Ir-rikorrenti jkomplu jgħidu illi r-rimedju ordinarju ma huwiex biżżejjed għax taħt il-liġi ċivili ma jingħatawx danni morali. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk dan huwiex neċċessarjament il-każ jew le, il-qorti tosserva illi l-Konvenzjoni ma tagħtix jedd għal danni morali. Dan qalitu l-Qorti Ewropea f'sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju 2009 *in re* Zavoloka *v.* Estonja[3] meta qalet hekk:

---

1 Para. 22.
2 Rikors numru 56679/00.
3 Rikors numru 58447/00.

""40. Reste toutefois la question de la réparation du dommage moral réclamé par la requérante. A cet égard, vu la grande diversité régnant dans les ordres juridiques des différents États contractants en matière de dédommagement en cas de décès, la Cour ne saurait déduire une obligation absolue et générale d'accorder une réparation pécuniaire du préjudice moral dans des situations similaires à la présente."

"13. Issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-30 ta' Settembru 2010 *in re* <u>Maria Attard *versus Policy Manager* tal-*Malta Shipyards et*</u>[4]

"14. Għal dawn ir-raġunijiet, billi hija tal-fehma illi l-atturi għandhom jew kellhom mezz xieraq ta' rimedju taħt il-liġi ordinarja, il-qorti, wara li tilqa' l-eċċezzjoni relativa tal-konvenuti, tagħżel illi ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u għalehkk teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**Rikors tal-Appell tar-rikorrenti**

Minn din is-sentenza appellaw ir-rikorrenti b'dawn l-aggravji li fil-qosor jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. L-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta siltet analogija bejn danni naxxenti f'incident tat-triq u l-kaz odjern u dan billi fl-ewwel kaz l-istat onora l-obligazzjonijiet tieghu taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ghaliex ha l-passi mistennija biex ihares il-hajja u l-integrita` psiko-fizika tac-cittadin bil-ligijiet u regolamenti li ghamel. Mhux l-istess jista' pero` jinghad dwar il-kaz odjern fejn jidher li l-istat abdika kompletament mill-obbligi tieghu taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

2. Kif indikat fl-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu li l-iskop tal-kawza odjerna hu li jesponu lanjanzi u jitolbu rimedji li jmorru oltre dawk ir-rimedji li jistghu jigu indirizzati f'kawza civili. F'kawza taht il-ligi ordinarja dak li

[4] Rikors Kostituzzjonali numru 31/2010.

jistghu jkollhom prospett li jiksbu l-appellanti huwa biss id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans*.

3. Il-Qrati ordinarji generalment ma jakkordawx danni morali. Fil-kaz tal-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-istat ikun responsabbili addizzjonalment ghal lezjoni taht l-Artikolu 13 ukoll ghax ma jkunx ipprovda rimedju adekwat.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tilqa’ t-talbiet taghhom okkorrendo li taghti dawk l-ordnijiet inkluz l-fissazzjoni ta’ kumpens.

**Risposti tal-appell tal-intimati**

L-intimati wiegbu fir-risposti taghhom li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti u dan ghar-ragunijiet kollha li gew dettaljati fin-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom prezentati quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti. L-aggravji relattivi tal-appellanti gew kollha kontestati ghar-ragunijiet premessi minnhom fir-risposti taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Ir-rikorrenti f’din il-kawza kienu talbu lill-Qorti tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet taghhom taht l-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti.

L-intimati eccepew li l-Qorti kellha taghzel li ma tismax il-kawza billi r-rikorrenti kellhom rimedju iehor ghar-rizarciment ta’ danni taht il-ligi ordinarja li ma nqdewx bih.

L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-intimati.

**L-ewwel u tieni aggravju**

Dawn iz-zewg aggravji se jigu kkunsidrati flimkien billi huma konessi ma' xulxin.

Dwar l-ewwel ilment tal-appellanti l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet li r-rikorrenti kienu qeghdin isostnu li huma ma nghatawx ambjent tax-xoghol fejn jahdmu hieles minn perikoli, kif huwa l-jedd ta' kull impjegat u l-obbligu ta' kull min ihaddem. Meta min ihaddem jonqos milli jwettaq dan l-obbligu u l-impjegat minhabba f'hekk igarrab danni, dan tal-ahhar ikollu jedd ifittex ghad-danni taht il-ligi civili dwar delitti u kwazi-delitti. L-ewwel Qorti pero` specifikat li l-fatt illi n-nuqqas igib mieghu ukoll ksur ta' jedd fondamentali ma jfissirx illi r-rimedju kellu jinghata bilfors taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni. Dan seta' jservi bhala raguni addizzjonali tal-agir illegali. L-ewwel Qorti mbaghad semmiet l-ezempju ta' min ikorri f'incident tat-triq li, minhabba f'hekk, jinkisirlu l-jedd ghall-harsien tal-inkolumita` u l-integrita` psiko-fizika tieghu, izda dan ma jfissirx li b'hekk kull incident tat-triq li fih ikorri xi hadd ghandu jwassal ghal kawza kostituzzjonali.

Ir-relazzjoni tal-appellanti ma' min kien jimpjegahom kienet wahda normali ta' impjegat ma' min ihaddem u ghalhekk meta min ihaddem jonqos mill-obligi tieghu u minhabba f'hekk l-impjegat isofri danni, allura l-impjegat ikollu l-jedd li jfittex ghad-danni taht il-ligi civili. Il-fatt li f'dan il-kaz kien involut il-Gvern ma jbiddel xejn minn din ir-regola u lanqas ma jfisser li responsabbilita` ta' Gvern kellha tkun biss wahda kostituzzjonali jew konvenzjonali semplicement ghax huwa l-Gvern. L-entitajiet governattivi bhala intimati jistghu jigu azzjonati fil-Qrati ordinarji bhal kull cittadin iehor ghall-allegati nuqqasijiet. Dawn in-nuqqasijiet ghalkemm jistghu jilledu wkoll xi dritt fundamentali, ma jfissirx li l-azzjoni trid tkun bil-fors wahda Kostituzzjonali jew Konvenzjonali jekk kien hemm rimedji ohra taht il-ligi ordinarja. Il-fatt li l-appellanti qed jilmentaw minn nuqqasijiet tal-awtoritatjiet, bhad-dritt ghall-hajja, informazzjoni u investigazzjoni ma jfissirx li necessarjament ir-rimedju kellu jkun wiehed kostituzzjonali jew konvenzjonali, wkoll tenut kont kif, f'dan il-kaz, giet formulata t-talba.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza **Sammut v. Awtorita` tal-Ippjanar et** deciza fis-27 ta' Frar 2003:

"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skont is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens. In fatti dan l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali ("…ghall-ksur allegat…") izda li minkejja dan "…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skont xi ligi…ohra…" favur il-vittma".[5]

Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi wzata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fondamentali tac-cittadin, meta c-cittadin ikun provdut u hemm disponibbli ghalih rimedju ghal-lanjanzi tieghu[6].

Fil-kaz in ezami saret referenza ghas-sentenza **Fenech v. Chairman Malta Drydocks noe et** deciza fl-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010 fejn persuni li kienu f'pozizzjoni simili bhar-rikorrenti f'dan il-kaz, istitwew b'success kawza ghad-danni civili cjoe` fejn saret talba ghal rimedju li taghti l-ligi ordinarja tal-pajjiz. F'dak il-kaz l-atturi, bhar-rikorrenti f'din il-kawza, kellhom rimedju disponibbli ghalihom sabiex jigi indirizzat l-ilment taghhom, izda fil-kaz odjern ir-rikorrenti naqsu li jirrikorru fl-ewwel lok ghal rimedju simili.

---

[5] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et.***; kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti – dejjem diversament komposta – tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` tal-Ippjanar et***.

[6] **Balzan Imqareb v. Registratur tal-Qrati tal-Gustizzija** 18 ta' Mejju 2006.

Ir-rikorrenti ma wrewx, u wara kollox lanqas setghu ghax ma ghamlux kawza civili, kif dak ir-rimedju ma kienx se jkun accessibili u effettiv kif invece kien fil-kaz citat. Jirrizulta ghalhekk li r-rimedju kien "available in theory and in practice at the relevant time" (**Cyprus v. Turkey** 2001). F'dan ir-rigward hu risaput li z-zmien li jrid jigi kkunsidrat hu dak li fih sar il-ksur tal-jedd u mhux iz-zmien li fih tressaq l-ilment. Jekk persuna thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet taghmel uzu tar-rimedju ordinarju ma tistax imbaghad tiehu passi kostituzzjonali bhala rimedju *in extremis.*

Fi kwalunkwe anke kaz jekk, ghal grazzja ta' argument biss, jirrizulta wara li jkun konkluz il-process ordinarju b'mod definittiv li r-rikorrenti xorta jidhrilhom li ghad fadal lezjoni ta' drittijiet fondamentali taghhom, huma jistghu jipprocedu b'istanza kostituzzjonali ohra ghar-rimedju.

Din il-Qorti pero`, bhall-ewwel Qorti, hija tal-fehma, li billi r-rikorrenti kienu qed jitolbu rizarciment ta' danni, l-azzjoni taht il-ligi ordinarja kienet taghtihom rimedju shih ghall-ilment taghhom. Ir-rikorrenti m'ghandhom ebda dritt ghal danni morali taht il-ligi ordinarja u l-Konvenzjoni Ewropea ma taghti ebda dritt generali jew assolut ghal danni morali f'kazijiet bhal dawn. Dan igibna ghall-aggravju l-iehor tal-appellanti.

**It-tielet aggravju**

Fit-tielet aggravju l-appellanti jillanjaw dwar l-inadekwatezza tal-ligi ordinarja kif inhi biex tindirizza d-danni non-pekunjarji billi fis-sistema taghna, il-qrati ordinarji ma jistghux jaghtu kumpens morali jew kumpens ghal *pain and suffering*. Ghalhekk l-appellanti jghidu li ma kienx fadlilhom rimedju hlief dak kostituzzjonali.

Apparti dak li ghadu kemm inghad, li l-Konvenzjoni Ewropea ma taghti ebda dritt assolut ghal danni morali f'kazijiet simili tant li f'certi kazijiet dikjarazzjoni ta' *just satisfaction* tista' tkun bizzejjed, il-Qorti tirrileva li ma jfissirx li kull darba li jintalbu danni morali f'kawza kostituzzjonali awtomatikament jigi eskluz ir-rimedju

ordinarju u bil-kuntrarju mhux kull kawza ghal danni taghti lok ghal kawza kostituzzjonali jew konvenzjonali ghax il-ligi ordinarja ma takkordax danni morali. Jigi notat ukoll li f'din il-kawza r-rikorrenti mhux qed jattakkaw xi artikolu *ad hoc* tal-ligi bhala kontra l-kostituzzjoni.

Fir-rikors promotur jirrizulta li l-ilment tal-appellanti kien fis-sens li minhabba l-espozizzjoni ghall-asbestos matul l-impjieg taghhom gew lezi d-drittijiet fondamentali taghhom u bhala konsegwenza sofrew danni u ghalhekk talbu li l-intimati jigu dikjarati responsabbili ghad-danni, jigi likwidat il-kumpens dovut lilhom u jigu ordnati jhallsu rimedju pekunarju. Ghalkemm ir-rikors inghata f'forma ta' kawza kostituzzjonali, it-talba kif redatta essenzjalment hija wahda ghal hlas ta' danni pekunarji u mhux ghal danni non-pekunarji jew morali. Fir-rikors promotur ma jissemmewx specifikatament danni non-pekunarji jew morali.

L-appellanti jissottomettu wkoll li s-sistema domestika taghna ma toffrix lill-vittmi rimedju adekwat ghal lezjoni ta' dritt fondamentali taht il-Konvenzjoni bhal, per ezempju, ma jinghatawx danni morali ghal vjolazzjonijiet taht l-Artikolu 2 u 3 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk billi s-sistema taghna ma tipprovdix ghal rimedju hemm ksur ukoll tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

Dwar il-kwistjoni tal-ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni din il-Qorti tirrileva li minn imkien fir-rikors promotur ma gie allegat li kien hemm ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ghax il-ligi civili ma taghtix lok ghal kumpens ghal danni morali. Inoltre fir-rigward tal-Artikolu 2 u 3 tal-Konvenzjoni, ir-referenza li saret mill-appellanti ghall-bran mis-sentenza **Koplov v. Russia** mhux rilevanti billi f'dak il-kaz, u anke fil-kaz ta' **Mifsud v. Bonello** li gie citat ukoll, kien dwar *incidents of wilful ill-treatment by State agents*, li mhux il-kaz odjern billi ma hemm l-ebda prova li n-nuqqasijiet tal-appellati kienu saru dolozament.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.  Spejjez kollha ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------